*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 57**

**L-Erbgħa 19 ta' April 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Kien hemm ittra waħda ta apoloġija.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-item tal-aġenda numru 57.7.9 trid tinbidel u tiġi taqra Petizzjoni mressqa mil-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.***

**57.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**57.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

**57.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti:</u>***

Ma kien l-ebda emenda fil-minuti.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**57.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq artiklu 56.6.1 rigward l-applikazzjoni għal *waterpolo pitch* fejn xtaq jkun jaf kemm il-pixxina ser tkun għolja il-fuq mil-livell tal-baħar.

Is-Sindku wieġbu illi għal din il-laqgħa kulħadd kien mistieden iżda attendew il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri flimkien mal-iskrivana u huwa. Huwa kompla jispjega li ser jinqalgħu 20 palma iżda ser jitħawlu ġo *soft areas* fejn ma hemmx palm preżentament. Huwa qal ukoll illi l-pixxina mhux ser tkun għolja mill-livell tal-moll.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal jekk għandiex konferma bil-miktub kemm il-pixxina ser tgħola milllivell tal-baħar. Huwa kompla jgħid illi hu ma jsibx oggezzjoni li jkollna pixxina ta' livell internazzjonali iżda ma hemmx għalfejn nitilfu mill-ispazju tal-baħar u qal li ma għandiex nitilfu ż-Żonqor ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi lokalijtajiet oħra għandhom *pitches* kif qed jiġi propost li jsir f'Marsaskala u aħna bħal lokal għandna nkunu tal-istess livell bħalhom.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nistaqsu kemm ser tkun għolja il-pixxina mill-livell tal-baħar.

**57.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar qal illi rigward dan l-artiklu irridu insemmu ukoll illi filwaqt li naqblu illi jiġu rranġati l-irmiġġi, s-*swimming zones* jridu jibqu fejn huma u ma jitmissewx.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitkbu ukoll rigward l-*iswimming zones* illi dawn għandhom jibqgħu fl-istess pożizzjoni li qedgħin fil-preżent.

**57.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 3 artiklu 56.2.3 fejn staqsa jekk infurmajniex lil kuntrattur tal-knies minħabba il-fatt illi qed jiġu jiffirmaw tlett ħaddiema u mhux erba.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi huwa kellem lill-kuntruttar pero` hija xorta dubjuża li qed jkollna ir-raba kennies fil-lokal. Huwa qal li kien hemm ċirkostanzi fejn ġew jiffirmaw wara l-ħin stipolat fit-tender.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-*customer care* ma jridux jaċċettaw illi jiġu jiffirmaw wara id-9am għaliex dan in-nuqqas għadu jsir u huwa ilu jirraporta u *default notice* qatt ma ħriġna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-customer care mhux qed jħalluhom jiffirmaw wara id-9am infatti kien hemm ċirkostanzji fejn qed jiktbulhom il-ħin ta' x'ħin ġew jiffirmaw.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li r-raba kennies ma jeżistiex ġol lokal tagħna u l-knies mhux qed jsir kif suppost infatti qed isir litter picking iżda mhux knies kif suppost. Huwa kompla jsipjega illi il-qtugħ tal-ħaxix minn fuq il-bankina mhux qed jsir.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-qtugħ tal-ħaxix ma sarx fi Triq Dun Frans Bianco u Triq l-Iskal.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-ħaxix ta' Triq tal-Buttar ma sarx ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu *default notice* fuq il-qtugħ ta' ħaxix li ma sarx fi Triq Dun Frans Bianco, Triq l-Iskal u Triq tal-Buttar, nuqqas tar-raba kennies fil-lokal tagħna u iffirmar tal-attendenza wara l-ħin stipolat fil-kuntratt.

**57.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**57.4** ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**57.5** ***<u>Rapport ta' kull kwart Jannar – Marzu 2017:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi l-Accountant is-Sinjura Doreen Mintoff ma setetx tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Huwa spjega illi bħala kapital infaqqna is-somma ta €87, 599 ta' Triq tal-Gardiel liema ċifra għad trid tiġi preċiżata skond il-kont li għad irridu nirċievu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hemmx imdaħħal il-flus li kellna nirċievu tal-Karnival li sar fi Frar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu fil-pożittiv

Is-Sindku wiegbu illi *Summer Nights Pub and Grill* għaddielna is-somma ta €100 filwaqt li l-*47 Summerights* ser jgħaddilna is-somma ta €200 din il-ġimgħa.

Is-Sindku nforma lil Kusilliera illi tal-*Mareblu* għadda is-somma diretta ta €500 lil Klabb tal-footbal filwaqt illi is-somma ta' €1000 għaddija dirett lil Għaqda Bajja San Tumas fejn ħadu ħsieb illi jgħamlu t-triq huma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-flus tat-tarmak kellna nirċevuh aħna u ngħamlu il-*patching* neċessarju aħna.

Is-Sindku qal illi issa nitolbu lil għaqda tibgħatilna dikjarazzjoni bil-miktub tal-ammont li ntefaq fit-tarmak.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

**57.6** ***<u>Approvazzjoni tal-Financial Statements kif emendati:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi l-approvazzjoni tal-financial statement kif emendati jridu jiġu approvati mill-Kunsill wara li jkunu ġew l-awdituri. Huwa kompla jispjega illi l-emendi kienu minimi.

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-financial statements u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

**57.7** ***Zonqor Playing Field, Triq iz-Zonqor Marsaskala 35/1169/17/I:***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi l-Avukat tal-Kunsill kienet nfurmatna illi kellna nirċievu ittra min-naħa tal-ARMS fuq il-bilanċ pendenti li kellu jiġi aġġustat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-ittra rċivejniha fejn l-ammont dovut ġie imnaqqas għal €5434.50. Huwa kompla jispjega illi l-*cable* li kellhom jsiru min-naħa tal-Enemalta fi Triq il-Blajjiet li jammonta għal madwar €5,500 mhux ser jsiru min-naħa tal-Enemalta kif kien mitlub minħabba li ma aċċettawx it-talba tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-kont pendenti tal-bandli taż-Żonqor li jammonta għal €5434.50 jitħallas.

**57.7.1** ***Smiegħ ta' appell PA/06904/16 – Mwejjed u Siġġijiet tal-istabiliment Stefanel (35/1168/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi l-appell ser jsir għada il-Ħamis 20 ta' April 2017. Huwa staqsa lil Kunsilliera minn ser jkunu preżenti għal dan l-appell.

Ħadd mil-Kunsilliera preżenti ma seta jattendi għal appell u għaldaqstant ser jattendi is-Segretarju Eżekuttiv.

- ***Il-Viċi Sindku daħlet għal laqgħa fis-7.17pm***

- ***Intalbet sospensjoni tar-regolamenti sabiex jitkelmu rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna.***

- ***Pedestrian Area fi Triq il-Knisja quddiem il-Kazin tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna:***

Is-Sur Ryan Portelli u l-Perit Lanfranco ppreżentaw pjanta proposta sabiex tingħalaq Triq il-Knisja mhux b'mod permanenti. Huma proponew sabiex Triq il-Knisja anke il-parti li ma tinfidx issir bil-concrete print u l-parkegg quddiem il-każin jitneħħa filwaqt li l-parkeġġ faċċata tal-każin jsir *fish bone parking* sabiex jintrebaħ iktar parkeġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li hemmek perikoluż li jsir fishbone parking għaliex biex toħroġ triq tirriversja b'lura u t-triq tidjieq f'naħa minnhom.

Is-Sindku wieġbu illi l-aħjar soluzjoni huwa li jsiru bollards u jitpoġġew biss meta it-triq tkun trid tingħalaq minħabba xi attivita`.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**57.7.2** ***Oġġezzjoni ta' PA/01464/17 (35/1164/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa il-Kunsilliera illi din l-applikazzjoni sabiex jsir parkeġġ ta' 300 karozza, restorant u shopping mall fi Triq Sant'Antnin ġiet irtirata.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal laqgħa fit-7.45pm***

**57.7.3** ***Hop on Hop off f'Marsaskala (35/1113/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-kumpanija Citysightseeing li urit interess illi tgħaddi minn Marsaskala infurmata illi sabiex jżiedu vettura oħra biex tgħaddi minn Marsaskala l-ispiża ser tiswa €15,000 u qed jitolbuna jekk nistgħux ngħinu f'din l-ispiża.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li irridu nerġu ngħamlu d-diskussjonijiet mal-*Foundation for Tourizm Zones Development* peress li aħna konna qed niddiskutu fuq il-problema illi biex Marsaskala tiġi inkorporata jrid jinbidel is-software u dan kien ser jiswa madwar €7000.

Huwa kompla jispjega illi peress li issa l-problema hija li trid tiżdied karozza oħra għaliex din il-kumpanija ma għandiex il-problema tas-*software* allura jridu jsiru disskusjonijiet mill-ġdid.

Il-Kunsill qabel sabiex niktbu lil Ministru Louis Zammit biex jidħol fil-kwistjoni forsi tistab soluzzjoni.

**57.7.4** ***Bankijiet msadda f'San Tumas (35/1081/17/I):***

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi quddiem il-villel fi Triq il-Qaliet hemm il-bankijiet li huma msadda.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu stima mingħand il-ħaddied tal-Kunsill sabiex jsirilhom il-manutenzjoni neċessarja.

**57.7.5** ***Rapport fuq ħsara fil-vettura Sinjura Rita Buhagair aċċident li sar fi Triq il-Ġemmugħa:***

Is-Sindku qal li s-Sinjura Buhagiar għamlet ħsara fit-tyre tal-karozza tagħha minħabba ħofra li kien hemm fi Triq il-Gemmugha u qed titlob ir-rifużjoni ta' €70 għal ħsara li ġarbet.

Il-Kunsill qabel illi nħalsu 70% ta' €70 li s-somma tammonta għal €49.

**57.7.6** ***Summer Pottery Sessions (35/0960/17/I):***

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-Alka Ceramics qed joffru sabiex jgħamlu korsijiet tal-fuħħar lit-tfal għal prezz ta €100 għal 10 lezzjonijiet, kull lezzjoni hija ta' sija u nofs.

Il-Kunsill qabel li niltaqgħu magħhom.

**57.7.7** **Progressjoni fin-notch tal-iskrivana Chantel Zammit skala 13 point 7:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilleira illi is-Sinjorina Chantel Zammit waslet għal progressjoni fi skala 13 punt 7 mil-1 ta' Mejju 2017.

Il-Kunsill qabel unaniment dwar dan.

**57.7.8** **Miżura 4.3 u l-ħatra ta' Sonya Sammut biex tapplika għan-nom tal-Kunsill:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi saret il-laqgħa mas-Sinjura Sonya Sammut sabiex tkun il-persuna nkarigata illi tapplika għal fondi tal-toroq rural skond il-miżura 4.3. Huwa kompla jispjega illi ddiskutew sabiex jsiru Triq il-Bidni u din titkompla minn fejn konna għamilna sa Triq iż-Żafran, Triq fil-limit tal-Mozz u wara Torri Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jumejn ilhu saret applikazzjoni lil TMalta mil-WSC sabiex jgħaddu sistema tat-tisqija tad-drenaġġ ġdida u ġew imsemmija it-toroq illi aħna għandna ppjanat li ngħamlu. Dan il-proġett għandu jibqa sejjer sas sena 2019 u jekk aħna ser ngħamlu dawn it-toroq ser jispiċċaw jerġgħu jitkissru. Huwa kompla jispjega illi għandu laqgħa mal-Perit tal-WSC sabiex tiġi diskussa din il-problema.

**57.7.9** **Petizzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar beda biex jgħid illi l-petizzjoni biex il-ġnien Sant'Anna jibqa post pubbliku u ma jinbeniex il-bini tal-Kunsill iżda jinstab post alternattiv telgħet għal 607 persuna. Huwa kompla jgħid illi 80% ta minn iffirma din il-petizzjoni huma minn Marsaskala.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu din il-materija mhux diskuttibli u ma jistax jifhem għalfejn qed jaqlaha issa. Huwa kompla jgħid illi l-messaġġ li qed jgħaddi il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar mhux korrett għaliex is-siġar mhux ser jinqalgħu u xorta ser jibqa il-ġnien.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li fis-south local plan tgħid li l-ġnien kollhu huwa public urban open space.

Is-Sindku qal li aħna krejajna iktar spazji pubbliċi tul dawn l-aħħar snin bħal Ġnien David Vella, Ġnien Charles Clews, Outdoorgym f'San Tumas, il-football pitch fil-grawnd tal-iskola u l-family park.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li biex tixtri post jiswa ħafna flus u ma għandiex il-budget biżżejjed biex ngħamlu dan. Huwa kompla jgħid illi huwa possiblli li wieħed jikreja facebook account falz u jivvinta petizzjoni fejn jista jiġbor eluf ta' firem. Huwa kompla jgħid illi il-membri tal-Kunsill qed jiġu penġuti li huma kontra l-ambjent mentri aħna li qed ngħamlu għal ġid tar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mhux qed inkuni in order mal-liġi għax biex tippreżenta petizzjoni trid tkun bl-ismijiet u bil-firem. Huwa kompla jgħid illi dan huwa proġett li ilhu ippjanat għalih anke minn gvernijiet preċedenti u ma jafx għaliex il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qed joħloq dawn il-problemi kollha u minflok jaħdem fi ħdan il-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex jikreja l-intoppi anke fuq il-facebook tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fil-leġiżlatura illi hu kien Sindku konna ħriġna tenders sabiex nixtru post u anke konna qabbadna sensara iżda ma kienx instab post adekwat għal Kunsill. Huwa kompla jgħid illi f'dan il-post li qedgħin suppost ġejna għal tlett snin sakemm nibnu il-Kunsill iżda l-affarijiet ma marrux kif kien pjanat.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kulħadd jista jivvinta petizzjoni sabiex jikseb popolarita iżda din mhix xi ħaġa li jgħamel hu. Huwa kompla jgħid illi huwa ilhu membru fil-Kunsill tul dawn l-aħħar 20 sena u meta kien ippjanat Ġnien Sant'Anna, dejjem kien ippjanat li jsir ċentru ċiviku. Huwa kompla jgħid illi jekk ma jinbeniex ħa nkunu ħlejna ħafna riżorsi fil-vojt u ma għandux jitwaqqaf dan il-proġett għax jista jkun li xi ħadd għandu xi aġenda personali għal vantaġġ tiegħu. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa lil Kunsillier is-sur Charlot Cassar jekk jafx xi post għal bejgħ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi dak għandu jsibu l-Kunsill u mhux hu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġeb lil Kunsillier is-Sur Charlot Cassar minn jaħseb li hu biex jgħidilhom xi jridu jgħamlu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi waqt laqgħa preċedenti tal-Kunsill il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar kien qabel sabiex jinqalgħu xi siġar fi Ġnien Sant'Anna peress li kien l-Kunsilliera ciantar biss li oġġezzjona.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kieku għadna fil-fażi inizjali biex jibdew il-preparamenti sabiex niksbu il-permess tal-art u għadna ma ħdima xejn fuq il-bini tal-Kunsill u nstab post alternattiv kieku storja differenti.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li dan kollu qed jsir sabiex jintlaħaq vantagg politku u jiprova jħammar wiċċ il-kumplament tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal l-istruttura ta' dan il-bini qiegħda ppjanata sabiex jkun hemm aċċess għal diversi kmamar minn barra bħal berġa, sala għal komunita u sala oħra żgħira li tista tintuża għal affarijiet oħra u dawn kollha b'aċċess individwali minn ġol ġnien. Huwa qal illi kieku kellna insibu post alternattiv mhux ser jkun adekwat kif ser jkun dan il-bini. Huwa kompla jgħid illi bħala spazju pubbliku ser jkun hemm il-proġett ta' quddiem il-Knisja fejn hemm propost li ssir pjazza illi bħala spazju ser jkun ferm ikbar mill ispazju li ser nieħdu biex jinbena il-ġnien.

**57.8 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**57.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lista ta' invoices li daħlu tard u ser jiġu ppreżentati waqt din is-seduta.

| Kuntrattur | Invoice No | Deskrizjoni | Ammont |
|---|---|---|---|
| Mrs. Ursula Greenland | | Rent for council premises May, June, July 2017 | 2445.84 |
| Bonnici Press | 5418 | 500 magazine and 100 poster for Good Friday | 224.30 |
| Firetech Ltd | 150943 | Fire extinguisher | 47.74 |
| Smart Office Supplies | 56615 | Cartridges | 75.19 |
| Smart Office Supplies | 56547 | Cartridges | 382.04 |
| Coleiro General Supplies | 288054 | Road Marking Paint | 814.75 |
| Strand Electronics | 546191 | Replaced and connected cameras | 401.20 |
| Strand Electronics | 546190 | Replaced monitor | 159.30 |

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondiet. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**57.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

**57.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (146 – 14/3/17):</u>**

"Jipproponi li peress li iżjed ma jgħaddi ż-żmien iżjed qed niffaċċjaw problemi ta' nuqqas ta' parkeġġi, qiegħed nipproponi illi erba toroq n-naħa ta Bella Vista isiru bi dħul u ħruġ wieħed kontra xulxin. Qed nirreferi għal Triq Salvu Buhaġiar, Triq il-Ħortan, Triq il-Gross u Triq il-Friefet. Peress li vetturi qed jiġu pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq u t-toroq mhux wesgħin biżżejjed qed ikollna ħafna lmenti mir-residenti u konġezzjoni ta' traffiku."

Din il-mozzjoni ma għaddietx minħabba li tista tinħoloq problema ikbar ta' konġezzjoni tat-traffiku.

**57.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (147 – 29/3/17):</u>**

"Jipproponi li ssir zebra crossing fi Triq tal-Gardiel bejn Triq ta' Gidwet u Munxar. Ħafna tfal ta' l-iskola jagħmlu użu minnha."

Il-Kunsillier is-sur John B. Camilleri qal li din kienet diġa` saret applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex napplikaw TMalta.

**57.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur Lawrence Ciantar u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (148 – 6/4/17):</u>**

"Jipproponi biex il-gate li tagħti minn Ġnien David Vella għal passaġġ tar-restaurant San Tomaso jiġi magħluq."

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jingħalaq il-passaġġ.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mill-laqgħa fid-8.54pm***

**57.9.4** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur Lawrence Ciantar u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (149 – 6/4/17):**

"Jipproponi biex il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jibda jkun objector f'kull applikazzjoni li tidħol l-awtorita' tal-ippjanar u b'hekk il-Kunsill ikun kopert għal kull applikazzjoni."

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi peress li dan il-Kunsill hekk jagħmel sabiex ma noħolqux problema lir-residenti.

**57.9.5** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (150 – 10/4/17):**

"Jipproponi li fi Triq il-Qaliet quddiem Triq il-Kavallieri ta' Malta tiġi mwaħħla traffic mirror sabiex min ikun ħiereġ mill-istess triq ikun jista jara t-traffiku li jkun nieżel minn Triq il-Qaliet."

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex titwaħħal din it-traffic mirror.

**57.9.6** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (151 – 10/4/17):**

"Jipproponi li peress li qiegħda dejjem tikber il-problema ta' parkeġġ f'ħafna inħawi f' Marsaskala, l-Kunsill lokali jieħu inizjattiva biex jara jekk hux possibli li dawk l-plots/ rqajja tal-art li mhumiex jintużaw, jiġu utilizzati għal-inqas b'mod temporanju sabiex ir-residenti tagħna jkollom fejn jipparkjaw il-vetturi taghhom."

Din il-mozzjoni ma għaddietx.

**57.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 18 ta' Mejju 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 19 ta' April 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |